MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 34/2011

**Mary Buttigieg Grima**

**vs**

**Avukat Generali tar-Repubblika u**
**l-Onor. Ministru tal-Finanzi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali tat-13 ta’ Gunju 2011 li jghid hekk:
Illi hija kienet impjegata mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni minn Settembru 1970, u kellha tirrezenja mix-xoghol taghha fit-23 ta' Novembru 1980, u dana peress li zzewget ragel u l-policy tal-Gvern ta' dak iz-zmien Mara li kienet sejjra tizzewweg kien ikollha bil-forz tirrizenja mix-xoghol taghha. Kien biss b'effet mill-ewwel (1) ta' Jannar

1981 li din il-policy inbidlet u nisa li kienu jizzewgu setghu ikomplu fl-impieg Civili, u dana skond ic-cirkulari 103/1980 datata 31 ta' Dicembru 1980 fejn jinghad espressament "In this connection, it has also been decided that henceforth any Government female employee who get married, should no longer be required to resign their employment". Dan ifissser li ghalkemm ma kien hemm ebda legislazzjoni specifika, il-"policy" governattiva kienet li l-impjegati tal-Gvern nisa, kien ikollhom jirrizenjaw meta jigu biex jizzewgu. Stante li si trattava minn impjegat fis-servizz civili il-policy governattiva kienet tammonta ghal ligi tal-pajjiz;

Illi pero' b' cirkulari precedenti datata 10 ta' Settembru 1979 u rilaxxjata mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni kien inghad hekk:

"It is now Government policy to retain women teachers after marriage. They will, however, be asked to resign their appointment as soon as pregnancy prevents them from carrying out their duties efficiently.

"Women teachers at present in the Government Services who resign their appointment on marriage will, if they are so entitled, be paid the marriage gratuity as provided under the Pensions Ordinance. They will, if they so wish, be considered for re-employment. Female Teachers who are so re-employed without a break will retain their salary and their seniority. The provisions of the Pensions Ordinance will not however apply to their new employment alter their marriage".

Illi in konformita' ma din il-"policy", l-esponenti giet imgeghela tirrezenja mix-xoghol minhabba li kienet sejra tizzewweg u giet impjegata mill-gdid fl-istess gurnata li rrizenjat u cioe' it-23 ta' Novembru 1980, u baqghet fl-imjieg taghha sa meta irtirat fit-23 ta'Ottubru 2010, bid-differenza pero' li minhabba tali rizenja u minkejja li ma kien imbidel xejn fl-impieg taghha. Jew fil-kundizzjonijiet ta' dak l-impieg, hija giet skwalifika milli tottjeni pensjoni tat-tezor;

Illi oltre dan iz-zwieg taghha gie dikjarat null u inezistenti permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili tat-30 ta' Gunju 1988 u ghalhekk effettivament l-esercizzju ta' rizenja u impieg mill-gdid fil-kaz taghha irrizulta ezercizzju inutili;

Illi l-esponenti thoss li b'dan il-mod hija giet trattata b'mod diskrimminatorju fil-konfront ta' impjegati ohra fl-istess sitwazzjoni ta' mpieg u kundizzjoni u ghalhekk ippruvat tottjeni rimedju izda minghajr success;

Illi ghalhekk hemm ksur manifest tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 14 abbinat mal-artikolu 12 kif ukoll mal-ewwel (1) artikolu tal-EwweI ProtokoII tal-Konvenzjoni Ewropea Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex id-drittijiet fundamentali taghha jigu protetti billi:-

Tiddikjara d-decizjoni tat-Tezor li ma jaghtix pensjoni lill-esponenti, tilledi d-drittijiet fundamentali taghha billi tpoggiha f'sitwazzjoni diskriminatorja a tenur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikolu 14 abbinat mal-artikolu 12 kif ukoll mal-ewwel (1) artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tordna l-hlas ta' kwalunkwe ammont li altrimenti kien ikun dovut lir-rikkorenti inkluza pensjoni li altrimenti kien ikun dovut li ma kienx ghat-trattament diskriminatorju fuq imsemmi;

Bl-spejjez u l-inguzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:
1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti kellha rimedju ordinarju konsistenti f'azzjoni aministrattiva sabiex tattakka d-decizjoni li ttiehdet fil-konfront taghha;

2. Illi fit-tieni lok, l-esponenti ma jmisshiex raqdet fuq il-pretiz dritt taghha u fethet kawza proprju issa meta l-fatt lamentat ilu li sehh ghal tletin sena shah. Ghaldaqstant, stante li l-Konvenzjoni Ewropea dahlet fis-sehh f'pajjizna ft-1987, din il-Qorti ghandha ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap. 319;

3. Illi fit-tielet lok ma jissussisti ebda ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-artikolu 12, l-artikolu 14 jew l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal- Konvenzjoni Ewropea;

Illi l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi ghad-dritt li wiehed jizzewweg u jkollu jew ikollha familja. Dan id-dritt tar-rikorrenti odjerna baqa' bla mittiefes u fil-fatt hija ezercitat tali dritt, izzewget u kellha t-tfal. Fil-gurisprudenza Ewropea, insibu li dan id-dritt ma jinghatax l-interpretazzjoni kreattiva ghall-ahhar li taghtih ir-rikorrenti, u ghalhekk kwalunkwe mizuri finanzjarji li jista' jistabbilixxi Stat ma jitqiesux bhala li jimmilitaw kontra dan id-dritt b'mod li jistghu iwasslu ghal ksur tieghu;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll, huwa minnu li r- rikorrenti kellha dritt ghal pensjoni, izda l-policy amministrattiva kienet cara li f'kaz li tizzewweg trid tirrizenja, u dan ovvjament ghal ragunijiet ta' ordni pubbliku;

Illi kif jinghad minn Harris, O'Boyle u Warbrick, (p.659),

"While the Court has consistently said that there is no general right to welfare benefits, to be derived from Article 1 of the First Protocol, it has allowed that a welfare right under domestic law is a possession for the purposes of Article 1 of the First Protocol. What is required is that the applicant demonstrates that he has a legal right in domestic law to some benefit if he satisfies certain conditions rather than that he seeks to ensure that a discretion is exercised in his favour.

"In this connection there is no distinction to be drawn between benefits to which the applicant has made contributions and those to which no direct contribution has

been made. However, while he may be entitled under Article 6(1) to a fair hearing to determine whether any conditions for their payment are satisfied, if they are not, the applicant will have no right to the benefit and the state will not be put to justifying why the benefit does not accrue except where the conditions comprise a discriminatory ground under Article 14, in which case there will be a breach of Article 1 of the First Protocol and Article 14 taken together ... "

Illi din il-kwotazzjoni tehodna direttament ghall-ahhar ilment tar-rikorrenti, cioe dak ta' diskriminazzjoni. L-applikanti tilmenta li l-fatt li bhala mara tilfet id-dritt ghall-pensjoni jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontriha abbazi ta' sess. Izda din id-diskriminazzjoni ma tirrizultax, ghax fl-ewwel lok il-kundizzjonijiet li kienu japplikaw ghaliha kienu wkoll japplikaw u gew applikati ghan-nisa kollha fl-istess sitwazzjoni taghha;

Illi r-rikorrenti tittanta ssahhah l-argument taghha billi tghid li z-zwieg taghha gie dikjarat null fl-30 ta' Gunju 1988. Izda l-policy tal-Gvern li giet applikata fil-konfronti taghha kienet applikabbli ghan-nisa kollha fil-pozizzjoni taghha, u kienet ibbazata fuq raguni fizjologika ovvja li mara li tizzewweg taghmel dan biex tifforma familja u ghalhekk ma tkunx f'pozizzjoni li tkompli tahdem b'mod ininterrott;

Illi inoltre l-fatt li z-zwieg taghha gie annullat fl-1988 ma jistax jintuza sabiex retroattivament jehles lir-rikorrenti mill-applikazzjoni tal-policy kif kienet fl-1980 meta hi irrizenjat;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi r-rikors odjern bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Buttigieg Grima;

Rat l-atti kollha inkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghas-sentenza ghal 21 ta' Gunju 2012.

**Fatti**

Il-fatti li jirrizultaw mill-atti huma s-segwenti Mary Buttigieg Grima kienet ilha impjegata mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni mill-25 ta' Settembru 1970 u telghet ghal grad ta' Teacher II fl-4 ta' Settembru 1977. Hi zzewget fit-23 ta' Novembru 1980. Hi applikat qabel iz-zwieg skond il-proceduri regolati minn cirkolari governattiva cioe cirkolari SO17/79 li kienet tghid hekk:
It is now Government policy to retain women teachers after marriage. They will, however, be asked to resign their appointment as soon as pregnancy prevents them from carrying out their duties efficiently.

Women teachers at present in the Government Service who resign their appointment on marriage will, if they are so entitled, be paid the marriage gratuity as provided under the Pensions Ordinance. They will, if they so wish, be considered for re-employment. Female Teachers who are so re-employed without a break will retain their salary and their seniority. The provisions of the Pensions Ordinance will not however apply to their new employment after their marriage.

Women teachers are requested to inform the Department 30 working days before their marriage stating whether they wish to be re-employed or not. Please refer to Circular No SO28/75 reproduced overleaf for easy reference.

Ir-rikorrenti applikat skond din ic-cirkolari. Ghalkemm l-ittra esebita (fol. 56 tal-process) hi tal-20 ta' Ottubru 1980 din l-ittra titkellem dwar leave biss, izda fl-istess ittra hemm referenza ghall-ittra ohra tat-3 ta' Ottubru 1980 fejn hemm referenza ghaz-zwieg taghha u z-zamma tal-impjieg. Din l-ittra mhix esebita. Il-provi pero jaghtu wiehed x'jifhem illi effettivament ir-rikorrenti irrizenjat mis-servizz fil-23 ta' Novembru 1980 u regghet giet ingaggata fl-istess jum. Dan hu ammess mill-istess rikorrenti fir-rikors promotur taghha.

Jirrizulta li wara z-zwieg tar-rikorrenti, hi giet ingaggata mill-gdid u dan wara li fit-12 ta' Novembru 1980 id-Direttur tal-Edukazzjoni baghat talba lil Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku sabiex ir-rikorrenti tigi ingaggata mill-gdid skond ic-cirkolari SO17/79.

Sadattant pero l-Establishments Division fl-Ufficju tal-Prim Ministru talbu lid-Direttur tal-Edukazzjoni fis-6 ta' Ottubru 1980 biex jimmodifikaw din ic-cirkorlari kif gej:
Following discussions with the Attorney General, it has been agreed that women Teachers who get married should be given the option of either
(a) resigning their appointment on marriage, getting the gratuity under the Pensions Ordinance, and being then employed again on new conditions which would not include pensionability under the Pensions Ordinance; or
(b) continuing in employment under the conditions of their original appointment which include pensionability under the Pensions Ordinance; in the case of this option, no marriage gratuity under the Pension Ordinance would of course be payable.

Ma jidher li sar xejn fuq din l-ittra minn naha tad-Dipartiment. Fil-31 ta' Dicembru 1980 pero intbaghtet cirkolari mill-Ufficiju tal-Prim Ministru lil Kapijiet tad-Dipartimenti li qalet li wara li fid-diskors tal-Budget thabbar illi l-Gvern kellu l-intenzjoni illi jdahhal ligi dwar l-ghoti tal-leave tal-maternita, gie deciz illi l-impjegati nisa fis-servizz pubbliku ma kellhomx ghalfejn jirrizenjaw mill-impjiegi meta jizzewgu. Ghaldaqstant, l-impjegati nisa li kienu ser jizzewwgu kellhom jinfurmaw lil Kap tad-Dipartiment taghhom xahar qabel id-data taz-zwieg taghhom jekk kienux bi hsiebhom ikomplu fl-impjieg taghhom jew jirrizenjaw. Jekk l-impjegati nisa jaghzlu li jirrizenjaw kellhom ikunu intitolati ghal marriage gratuity u jkollhom l-impjieg taghhom mitmum (ara fol. 57 tal-process).

Fis-27 ta' Jannar 1981 ir-rikorrenti irceviet il-marriage gratuity taghha.

Fil-5 ta’ Marzu 1981 ir-rikorrenti giet infurmata mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni illi l-applikazzjoni taghha biex tkun ingaggata mill-gdid kienet giet accettata skond SO17/79 u li kellha zzomm is-salarju u s-seniority izda l-Ordinanza tal-Pensjonijiet ma kienx applikabbli ghaliha ghax l-impjieg taghha kien wiehed gdid (ara fol. 26 tal-process).

Ir-rikorrenti qed tallega illi meta irtirat mis-servizz civili fl-2009 nonostante li ma nbidel xejn fl-impjieg taghha jew kundizzjonijiet ta’ dak l-impjieg, hi giet skwalifikata milli tottjeni pensjoni tat-Tezor minhabba r-rizenja taghha fit-23 ta’ Novembru 1980 u r-ri-impjieg taghha fl-istess jum. Din l-iskwalifika kienet tammonta ghal diskriminazzjoni fil-konfront ta’ impjegati ohra fl-istess sitwazzjoni ta’ impjieg, liema ksur kien abbinat mal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 14 abbinat mal-artikolu 12 u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-intimati qed jopponu ghat-talbiet tar-rikorrenti ghal diversi ragunijiet.

**Fakolta ta’ rimedju ordinarju konsistenti f’azzjoni amministrattiva biex tigi attakkata d-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tar-rikorrenti**

Ghalkemm l-intimati ghamlu din l-eccezzjoni, ma gabu ebda prova dwar it-tip ta’ azzjoni amministrativa li r-rikorrenti kellha fakolta tiehu u li naqset li tiehu. Jigi relevat illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom l-intimati ghamlu referenza ghall-artikolu 469A tal-Kap. 12. Pero tali referenza ghal prova li jridu jaghmlu bl-eccezzjonijiet kollha ssir waqt il-gbir tal-provi u mhux wara li nghalqu l-provi u r-rikorrenti pprezentat in-nota ta’ sottomissjonijiet taghha u allura mhux f’pozizzjoni li tirribatti din il-prova. Mhux il-kompitu ta’ din il-Qorti li tara hi jekk kienx hemm xi remedji ohra jew jekk is-sottomissjoni qua prova in sostenn tal-eccezzjoni hix valida jew le billi l-Qorti mhix parti f’dawn il-proceduri u mhix qeda hemm biex tissostitwixxi ghan-nuqqas tal-intimati li jindirizzaw b’mod

konkret fil-hin opportun skond il-ligi tal-procedura din l-eccezzjoni. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Harsa lejn it-talbiet tar-rikorrenti li bihom hi marbuta din il-Qorti juru illi l-fatt diskriminatorju li skond ir-rikorrenti jikkostitwixxi l-vjolazzjoni tal-Konvenzjoni hi d-decizjoni tat-Tezor li hi mhix intitolata ghal Pensjoni tat-Tezor. Ghalkemm ma hemmx fl-atti ebda ittra formali minghand it-Tezor li tghid hekk pero bhala fatt mhux kontestat jidher li r-rikorrenti spiccat mill-impjieg fl-2010 u kien f'dak il-perjodu u fis-sena ta' qabel meta hi kienet qed timla l-formoli tal-pensjoni qabel tieqaf mix-xoghol li giet infurmata li mhix intitolata ghal pensjoni tat-Tezor. Hi ppruvat tappella lill-Ombudsman u l-Ufficju tal-Prim Ministru tul l-2010 pero d-decizjoni ma gietx mibdula.

Din il-Qorti ghalhekk fid-determinazzjoni tal-fatt diskriminatorju u sabiex jigi determinat il-kompetenza tal-Qorti trid tistrieh fuq iz-zmien tal-fatt vjolattiv tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni kif allegat fir-rikors promotur.

Il-fatt vjolattiv allegatament sehh wara l-20 ta' April 1987. Ghalhekk azzjoni taht l-artikolu 4 tal-Kap. 319 ma hix prekluza bl-artikolu 7 tal-istess Kapitolu. Ic-cirkostanzi li pprecjedew "id-decizjoni" tat-Tezor ma humiex jingiebu bhala li jikkostitwixxu l-vjolazzjoni izda bhala l-motiv ghaliex ir-rikorrenti tirritjeni li d-decizjoni tat-Tezor tilledi d-drittijiet fondamentali taghha. Tali argumentazzjoni isib konfort fil-kawza Kostituzzjonali b'fattisepecie simili fl-ismijiet **Carmen Lanteri vs Avukat Generali tar-Repubblika et**, deciza fid-19 ta' April 2012 (52/2010/1).

**Mertu tal-azzjoni**

Bazikament ir-rikorrenti qed tilmenta li hi giet diskriminata peress li meta kienet ser tizzewweg giet imgeghla tirrizenja (kliem uzat mir-rikorrent fir-rikors promotur) minhabba li kienet ser tizzewweg, bil-fakolta ta’ ri-impjieg u dan skond il-’policy’ governattiva ta’ dak iz-zmien.

Din il-Qorti gia elenkat dak li r-rikorrenti issemmi bhala ’policy’ governattiva. Kien hemm Standing Order 17/79 li pero din il-Qorti ma tirriskontra ebda obbligu forzat ta’ rizenja kif qed tallega r-rikorrenti. Din l-Istanding Order tirreferi ghal talba ghal rizenja f’kaz ta’ tqala wara z-zwieg. Dan mhux il-kaz prezenti. Il-paragrafu ta’ wara fl-istess cirkolari hu ftit ambigwu billi jirreferi ghal ghalliema nisa li jirrizenjaw biex jizzewwgu pero hawn ukoll ma hemmx l-allegazzjoni ppruvata da parti tar-rikorrenti li kien hemm l-obbligu tar-rizenja. Din hi prova li tispetta lir-rikorrenti u ma ngibitx minnha.

Hu minnu illi din ic-cirkolari giet iccarata b’ittra mill-Establishments Division fl-Ufficju tal-Prim Ministru fis-6 ta’ Ottubru 1980 mibghuta lid-Direttur tal-Edukazzjoni fejn allura kienet cara li ghalliema nisa kellhom l-opzjoni li jew jirrizenjaw, jiehdu l-gratuity u jergghu jimpjegaw ruhhom minghajr dirtt ghall-pensjoni tat-Tezor, jew li jibqghu fl-impjieg minghajr gratuity u jibqghu intitolati ghal pensjoni tat-Tezor. Jidher li din l-ittra giet segwita b’cirkolari tal-Ufficju tal-Prim Ministru tal-Kapijiet tad-Dipartmenti kollha fil-31 ta’ Dicembru 1980.

Ghal xi raguni ma jidhirx, almenu mill-atti, jekk ir-rikorrenti kienitx taf bl-ittra tas-6 ta’ Ottubru 1980 jew ic-cirkolari tal-31 ta’ Dicembru 1980, ghalkemm f’dak il-perjodu r-rikorrenti kienet waslet biex tizzewweg u kienet ghaddejja korrispondenza dwar iz-zamma tal-impjieg taghha wara z-zwieg.

Dawn il-fatti juru illi oggettivament ma jirrizulta xejn li jikkonforta lir-rikorrenti fit-tezi taghha li giet imgeghla tirrizenja. Ma giex pruvat li giet indotta mid-Direttur tal-Edukazzjoni jew il-Principal taghha tirrezenja. Kif qalet is-

sentenza fl-ismijiet **Carmen Lanteri vs Avukat Generali tar-Repubbblika et**, deciza fis-19 ta' April 2012:

Anqas jista' jingħad li ġie ppruvat li b'xi mod ieħor imputabbli lill-Istat ir-rikorrenti appellanti kienet ġiet obbligata tirriżenja mill-impieg tagħha. Mill-ftit provi li ġew prodotti l-iżjed li jista' jingħad li gie ppruvat, jekk jista' jingħad li ġie pruvat xi ħaġa f'dan ir-rigward, hu li fiż-żmien relevanti jidher li l-prattika kienet li n-nisa mal-Gvern li jiżżewwġu kienu wkoll jirriżenjaw mill-impieg tagħhom. Ir-raġuni għala kien jiġri dan ma jirriżultax. Kienetx għaliex dak iż-żmien ma kienx soċjalment aċċettabbli li mara tibqa' fl-impieg wara li tiżżewweġ u dan sabiex tieħu ħsieb il-familja, kienetx tirriżenja sabiex tkun tista' tieħu l-“gratifikazzjoni” mingħand il-Gvern, jew kienetx għaliex limpressjoni kienet li hekk kien jistenna minnha l-Gvern xejn ma gie ppruvat. Il-fatt hu li d-dispożizzjonijiet legali applikati fil-konfront tar-rikorrenti appellanti għadhom viġenti llum u ċertament llum ħadd ma jippretendi li a bażi ta' dawk id-dispożizzjonijiet hemm xi obbligu da parti ta' mara fl-impieg li tiżżewweġ li tirriżenja mill-impieg tagħha mal-Gvern. Anqas ma nġiebet ebda prova li fiż-żmien relevanti kien hemm xi regola amministrattiva jew xort'oħra li kienet tobbliga lill-impjegati nisa li jiżżewwġu li jirriżenjaw mill-impieg tagħhom.

Anki harsa lejn l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet artikolu 6 ma jissollevax lir-rikorrenti. Dan l-artikolu jghid hekk:
Meta uffiċjal mara li tkun ilha fis-servizz tal-Gvern ta' Malta, sew f'kariga pensjonabbli sew le, għal perijodu ta' mhux inqas minn ħames snin, titlaq kariga pensjonabbli, li ma tkunx qed tokkupa bi prova, għaliex tkun iżżewġet jew tkun sejra tiżżewweġ, tista' tingħatalha gratifikazzjoni ta' mhux iżjed minn waħda minn tnax tal-ħlas pensjonabbli ta' xahar għal kull xahar sħiħ ta' servizz jew inkella ħlas pensjonabbli ta' sena, liema jkun l-anqas, wara li hija fi żmien sitt xhur mid-data li titlaq mis-servizz jew f'kull żmien itwal li l-President ta' Malta jista' jagħti f'xi każ partikolari, tipproduċi prova sodisfaċenti taż-żwieġ tagħha.

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza gia citata fl-ismijiet **Carmen Lanteri vs Avukat Generali tar-Repubblika et**:
Ma hemm xejn fir-regolament imsemmi li b'xi mod jikkostrinġi lil mara li tiżżewweġ biex tirriżenja mill-impieg tagħha mal-Gvern. Dak li jipprovdi l-istess regolament hu biss li fl-eventwalita` li mara impjegata mal-Gvern tiżżewweġ din tkun tista' tingħatalha gratifikazzjoni kif hemm maħsub. Ir-regolament 17 tal-istess regolamenti, li għalih ukoll saret riferenza mir-rikorrenti appellanti, huwa fl-istess sens. Jista' jiżdied ukoll li l-Artikolu 7(2) tal-Ordinanza dwar Pensjonijiet hu wkoll fl-istess sens u jipprovdi li:
"Gratifikazzjoni skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza tista' tingħata lil uffiċjal mara li titlaq mis-servizz għaliex tkun iżżewwġet jew tkun sejra tiżżewweġ, għalkemm hija ma jkollhiex dritt xort'oħra skont dan lartikolu għall-għoti ta' xi pensjoni, gratifikazzjoni jew *allowance* oħra."
Id-disposizzjonijiet kollha relevanti, għalhekk, jipprevedu x'jista' jsir jekk tavvera ruħha certu eventwalita` iżda ma hemm xejn fihom li tipprovdili dik l-eventwalita` hi waħda mandatorja.

Lanqas jirrizulta xi diskriminazzjoni, kif allegat minnha bid-decizjoni tat-Tezor li fuqha hemm l-ilment specifiku, cioe li hi rceviet xi trattament differenti minn persuni ohra fl-istess sitwazzjoni taghha. Hi accettat l-opzjoni li tirrezenja u tiehu  l-marriage gratuity u b'hekk tilfet id-dritt ta' pensjoni tat-Tezor. Ma ngibitx prova li persuni ohra bhala li ghazlu din l-opzjoni rcevew xi trattament differenti minnha u konsegwentenment il-Qorti tista' taghmel il-paragun jekk tali trattament differenti kienx diskriminatorju wkoll.

Ghalhekk din il-Qorti ma ssibx illi r-rikorrenti ippruvat li saret xi diskriminazzjoni fil-konfront taghha mid-decizjoni tat-Tezor li mhix intitolata ghal pensjoni tat-Tezor a bazi tal-artikolu 14.

Bl-istess mod din il-Qorti ma fehmitx kif id-decizjoni tat-Tezor setghet illeditilha d-dritt ghaz-zwieg, jew li jkollha familja. Dar id-dritt ma giex mittiefes bl-ebda mod. It-

telfien pekunjarju mid-decizjoni tat-Tezor dwar il-pensjoni tat-Tezor bl-ebda mod ma impedilha d-drittijiet personali ta' zwieg u familja. Del resto dan l-ilment ma saret ebda prova dwaru mir-rikorrenti.

Ghalhekk din il-Qorti tqis infondata l-allegazzjoni tar-rikorrenti dwar lezjoni ta' drittijiet skond l-artikolu 14 abbinat mal-artikolu 12 u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Kap. 319 (erronjament indikat bhala 318 fir-rikors promotur).

B'referenza ghall-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll l-awturi **Harris D'Boyle and Warbrick** (fol. 659) jinghad:
While the Court has consistently said that there is no general right to welfare benefits, to be derived from Article 1 of the First Protocol, it has allowed that a welfare right under domestic law is a possession for the purposes of Article 1 of the First Protocol. What is required is that the applicant demonstrates that he has a legal right in domestic law to some benefit if he satisfies certain conditions rather than that he seeks to ensure that a discretion is exercised in his favour.

Kin inghad billi r-rikorrenti accettat il-gratuity meta rrizenjat mill-impjieg, hi tilfet id-dritt ghal-pensjoni tat-Tezor. Billi legalment ghalhekk ir-rikorrenti ma kienitx tikkwalifika ghal tali pensjoni u ma kien hemm ebda lezjoni ta' drittijiet kif deciz aktar il-fuq f'din is-sentenza, ma jistax jitqies li l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll japplika ghaliha.

In kwantu l-allegat lezjoni taht l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, din il-Qorti tibda biex tirrimarka li r-rikorrenti naqset li tispecifika taht liema parti ta' dan l-artikolu hi qed tallega ksur nonostante li l-Qorti ghamlet verbal biex ir-rikorrenti taghmel din l-ispjegazzjoni b'verbal tal-1 ta' Frar 2012.

L-artikolu 45(2) ighid li ebda persuna ma ghanda tigi trattata b'mod diskriminatorju minn ebda persuna in virtu ta' xi ligi miktuba jew fil-qadi tal-funzjoni ta' ufficju jew awtorita pubblika.

Din il-Qorti tirrileva illi li l-istess argumenti gia applikati mill-Qorti ghal lezjoni taht l-artikolu 14 tal-Kap. 319 japplikaw bl-istess mod u bl-istess manjiera ghall-artikolu 45 li jitratta wkoll trattament diskriminatorju. Din il-Qorti ma sabet ebda diskriminazzjoni prattikata fil-konfront tar-rikorrenti b’referenza ghal persuni ohra fl-istess pozizzjoni taghha affettwati mid-decizjoni tat-Tezor, kif ma sabiex li r-rikorrenti kienet imgeghla tirrizenja biex tizzewweg skond l-Istanding Order, ittri jew cirkolari vigenti fil-perjodu li kienet ser tizzewweg, jew li s-superjuri taghha inducewha tirrizenja bla ebda jedd.

Mhux hekk biss izda din il-Qorti issib illi l-artikolu 45(2) ghandu fl-ewwel parti tieghu applikazzjoni ristretta ghal ’ligi miktuba’. Il-ligi miktuba li ghaliha jista’ jsir referenza hi l-Ordinanza tal-Pensjonijiet li kif gia inghad fl-artikolu 6 citat aktar il-fuq jitkellem biss dwar l-eventwalita ta’ rizenja minhabba zwieg u mhux kostrizzjoni ta’ rizenja minhabba zwieg. Inoltre l-Istanding Order, ittri u cirkolari amministrattivi lanqas jistghu jitqiesu bhala xi ligi.

Cirkolari, standing orders jew komunikazzjonijiet inter dipartimentali li jistabilixxu mod ta’ andament jew policy governattiva mhix ligi. Fil-kawza **Anthony Bailey vs Maltacom plc**, deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri (7/02/2012 RCP), l-istess Qorti kkwotat mill-awtur **David Foulkes,** Administrative Law (Buttorworths 1990 - Seventh Edition pg 71-73) fejn qall hekk:

A circular may contain advice or guidance as to the exercise by the recipients of their powers ... the circular has no legal status …

Ghalhekk anki ghal dawn ir-ragunijiet l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax tirnexxi a bazi tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

**Decide**

Ghalhekk ghar-ragunijiet kollha misjuba minn din il-Qorti, qed tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimati, u tilqa’ t-tielet eccezzjoni fis-sens li ma hemm ebda ksur tal-

artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-artikolu 12, 14 jew l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Kap. 319 u kwindi qed tichad it-talbiet tar-rikorrenti. Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------